

32002D0916

L 319/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.11.2002

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-21 ta' Novembru 2002****li temenda d-Deċiżjoni 94/652/KE rigward l-aġġornament ta' l-inventarju ta' l-impenji li jridu jittieħdu ġewwa l-qafas tal-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżaminazzjoni xjentifika tal-mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel***(notifikata fid-dokument numru K(2002) 4447)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2002/916/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta' Frar 1993 dwar l-assistenza lill-Kummissjoni u l-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżaminazzjoni xjentifika tal-mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/458/KE tad-29 ta' Ġunju 1994 <sup>(2)</sup> tistabbilixxi r-regoli dwar il-ġestjoni amministrattiva tal-koperazzjoni fl-eżaminazzjoni xjentifika tal-mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel.
- (2) Id-Deċiżjoni Tal-Kummissjoni 94/652/KE <sup>(3)</sup> kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2001/773/KE <sup>(4)</sup> rigward l-aġġornament ta' l-inventarju ta' l-impenji li jridu jiġu mid-hula għalihom ġewwa l-qafas tal-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżaminazzjoni xjentifika tal-mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel.
- (3) L-aġġornament ta' l-inventarju ta' l-impenji għandu jqis il-ħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika ġewwa l-Komunità u l-ħtiġiet tal-leġislazzjoni Komunitarja fis-settur ta' l-oġġetti ta' l-ikel.
- (4) L-impenji għandhom jiġu mqasma filwaqt li jitqiesu l-kompetenza xjentifika u r-riżorsi disponibbli ġewwa l-Istati Membri, u b'mod partikolari l-istituti li jridu jippar-teċipaw fil-koperazzjoni xjentifika.

(5) Id-Deċiżjoni 94/652/KE għandha tiġi emendata kif jixraq,

(6) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness mad-Deċiżjoni 94/652/KE huwa mibdul bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Novembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*<sup>(1)</sup> ĠU L 52, ta' l-4.3.1993, p. 18.<sup>(2)</sup> ĠU L 189, tat-23.7.1994, p. 84.<sup>(3)</sup> ĠU L 253, tad-29.9.1994, p. 29.<sup>(4)</sup> ĠU L 290, tas-7.11.2001, p. 9.

## ANNEX

## "ANNEX

**L-inventarju ta' l-impenji li jridu jittieħdu mill-Istati Membri ġewwa l-qafas tal-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżaminazzjoni xkjenfika tal-mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel**

Is-Suġġett, in-natura u l-kobor ta' l-impenn	L-Istati Membri li lihom jitqassam l-impenn	Il-Limitu taż-żmien għat-tkomplija
<p><b>1. Is-sustanzi tat-taħwir</b></p> <p>1.1. Is-sustanzi tat-taħwir iddefiniti kimikament kif elenkati fir-reġistru fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE tat-23 ta' Frar 1999:</p> <p>— sabiex jiġu mħejjija r-rapporti għall-valutazzjoni tas-sigurtà tas-sustanzi tat-taħwir iddefiniti kimikament skond il-programm tal-valutazzjoni riferit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2232/96,</p> <p>— sabiex jiġi stabbilit u miżmum arkivju fiżiku u elettroniku ta' l-informazzjoni tossikoloġika disponibbli u ta' l-esposizzjoni rigward is-sustanzi interessati.</p>	<p>Id-Danimarka (koordinatur)</p> <p>il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit</p>	<p>31 ta' Mejju 2005.</p>
<p><b>3. Il-Kontaminanti</b></p> <p>3.1. <i>Mistoqsijiet ġenerali</i></p> <p>3.1.1. Mistoqsijiet mhux skedati u urġenti:</p> <p>— sabiex jiġi kkordinat il-ġbir ta' l-informazzjoni fl-Istati Membri meħtieġa għall-istima tar-riskji mill-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel bi tweġiba għall-mistoqsijiet mhux skedati u urġenti li għandhom x'jaqsmu mal-kontaminanti ta' l-ikel</p> <p>3.2. <i>Il-mistoqsijiet speċifiċi</i></p> <p>3.2.9. Il-ġbir u l-għaqda flimkien ta' l-informazzjoni dwar il-livelli tat-3-monokloropropanedjol (3-MCPD) u s-sustanzi li għandhom x'jaqsmu miegħu fl-oġġetti ta' l-ikel</p> <p>3.2.10. Il-ġbir ta' l-informazzjoni dwar il-konkorenza tat-tossini fusarji u l-istima tat-tehdid fid-dieta mill-popolazzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-UE.</p> <p>3.2.11. L-istima ta' l-esposizzjoni tad-dieta għaċ-ċomb, il-kadmju, il-merkurju u l-arseniku tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-UE.</p> <p>3.2.12. Il-ġbir ta' l-informazzjoni dwar l-okkorrenza ta' l-idrokarbonji polinukleari aromatiċi fl-ikel.</p> <p>3.2.13. L-istima ta' l-esposizzjoni tad-dieta għall-komposti ta' l-organtin fil-popolazzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-UE</p>	<p>L-Italja, ir-Renju Unit (kordinaturi konġunti)L-Istati Membri kollha (*)</p> <p>L-Isvezja, ir-Renju Unit (koordinaturi konġunti)</p> <p>id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja (*)</p> <p>Il-Ġermanja (kordinatur)</p> <p>il-Belġju, id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit (*)</p> <p>L-Italja, l-Isvezja (kordinaturi konġunti)</p> <p>il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, ir-Renju Unit (*)</p> <p>Franza (kordinatur)</p> <p>il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja, ir-Renju Unit (*)</p> <p>L-Italja (kordinatur)</p> <p>il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Greċja, Franza, l-Olanda (*)</p>	<p>31 ta' Diċembru 2002.</p> <p>31 ta' Ottubru 2002.</p> <p>28 ta' Frar 2003</p> <p>31 ta' Diċembru 2002.</p> <p>30 ta' April 2003.</p> <p>31 ta' Diċembru 2002.</p>
<p><b>8. Il-Materjali tal-Pakkeġġjar</b></p> <p>8.1. It-twejġja tal-folji jew ir-rapporti sommarji ta' l-informazzjoni dwar l-istima tar-riskji tas-sustanzi wżati fil-materjali tal-kuntatt ma' l-ikel jew il-preżentazzjoni tiegħu</p>	<p>L-Olanda (kordinatur)</p> <p>id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit (*)</p>	<p>31 ta' Diċembru 2002.</p>

(\*) In-Norveġja tipparteċipa f'dan l-impenn. "